MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2015

Citazzjoni Numru. 83/2015

**Doris (Maria Dolores) Balzan ID 502763M)**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta' Doris (Maria Dolores) Balzan ID 502763M datat 29 ta' Jannar 2015 fejn esponiet: -

Illi fl-att tat-twelid taghha fil-kolonna "isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha" jidhru l-kliem "Doris (Maria Dolores)". (dok A - certifikat tat-twelid).

Illi hija dejjem maghrufa bhala "Doreen" u mhux Doris (Maria Dolores) kif qed isir bhalissa.

Illi effettivament l-isem fuq l-karta tal-identita` taghha qed jigi mnizzel Maria Dolores k/a Doreen kif jirrizulta mill-anness Dok B.

Illi ghalhekk hija tixtieq li ssir tali korrezzjoni sabiex isimha jkun biss Doreen kif inhija effettivament minn dejjem maghrufa.

Illi minn dejjem hija maghrufa bhala Doreen u kif jirrizulta mis-segwenti dokumenti u kif sejjer jigi ppruvat waqt is-smigh tal-kawza :

Dok C sa Dok F - certifikati tal-ezamijiet

Dok G - kontijiet bankarji.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti prevja li din l-Onorabbli Qorti tordna l-hrug tal-avviz *ai termini* tal-artikolu 254 tal-Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, titlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Titlob lil din l-Onorabbli Qorti tiddikjara li l-attrici ma' tul hajjitha kienet konsistentement imsejha u maghrufa bl-isem ta' **"Doreen"** u mhux bl-isem **"Doris (Maria Dolores)"**;

2. Titlob li ssir annotazzjoni fis-sens li fejn jidher isimha fl-att tat-twelid numru 5027/1963, jigi mizjud il-kliem ***'maghrufa bhala Doreen".***

3. Tordna lill-intimat sabiex jemenda kull att pubbliku tal-isess rikorrenti bil-mod kif spjegat fit-tieni talba.

U dan taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-10 ta' Marzu 2015.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 2 ta' Marzu 2015 (fol 15) fejn espona bil-qima u bil-ġurament tiegħu jiddikjara u jikkonferma dan li ġej:

1. Illi minghajr pregudizzju, qabel is-smigh tal-kawza, b'ordni tal-Qorti ghandu jigi ppubblikat avviz fil-Gazzetta tal-Gvern talanqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza *a tenur* **tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;**

2. Illi minghajr pregudizzju l-esponent jirrileva wkoll li fic-certifikat tat-twelid tar-rikorrenti ma' hemm ebda zball li jrid jigi ikkorregut. Id-dettalji li

tnizzlu fl-att tat-twelid numru 5027 tas-sena 1963 huma skont dawk dikjarati mid-dikjarant li f' dan il-kaz jirrizulta li kien missierha Philip. Philip Balzan iffirma wkoll l-att b'dan li allura kkonferma u accetta li d-dettalji li tnizzlu kienu korretti. B'dan ghalhekk sabiex il-premessi tal-azzjoni taghha jigu mibdula b'mod li jinkwadraw ruhhom taht il-parametri tal-ligi msemmija **fl-Artikolu 253 (2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** t-talbiet attrici ghandhom ikunu fis-sens li:

a. titlob lil din l-Onorabbli Qorti tiddikjara li l-attrici ma' tul hajjitha kienet konsistentement imsejha u maghrufa bl-isem ta' **"Doreen"** u mhux bl-isem **"Doris (Maria Dolores)";**

b. titlob li ssir <u>annotazzjoni</u> fis-sens li fejn jidher isimha fl-att tat-twelid numru 5027/1963, jigi mizjud il-kliem ***'maghrufa bhala Doreen".***

3. Illi bla hsara ghal premess biex t-tielet talba tigi milqugha *ai termini* ta' l-artikolu 253(3), ir-rikorrenti trid tispecifika ezattament l-atti ta' l-istat civili li fihom hija trid li tali bidla, jekk tigi akkordata minn din l-Onorabbli Qorti, tigi riflessa.

4. Illi bla hsara ghall-premess, ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza l-esponent mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-mertu tal-kaz inkwistjoni huwa jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talba u kif ukoll ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

5. IIIi bla pregudizzju ghal premess, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil

jew nuqqas ta' agir ta' l-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ingunti in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' April 2015 fejn meta ssejhet il-kawza dehret l-attrici assistita minn Dr. Anna Mallia u Dr. Maurizio Cordina ghad-Direttur intimat. Dr. Mallia b'referenza ghat-tieni eccezzjoni tal-intimat talbet korrezzjoni tat-talbiet taghha fis-sens li l-ewwel (1) u t-tieni (2) talba jigu sostitwiti bit-talbiet kif redatti fir-risposta guramentata, madanakollu talbet ukoll li isem ir-rikorrenti ghandu jkun "Doreen". Il-Qorti laqghet it-talba u ordnat l-korrezzjoni mitluba. Din it-talba mhix opposta. Dr Maurizio Cordina ghad-Direttur intimat informa lill-Qorti li m'ghandux aktar provi. Il-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza ghall-25 ta' Gunju 2015 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din il-kawza qed issir *ai termini* tal-artikoli **253 *et sequitur*** tal-Kodiċi Ċivili li jagħtu dritt lil kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja, korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta' ismijiet tal-atti tal-istat ċivili.

Illi l-attrici qed taghmel din il-kawza sabiex jigi korrett l-att tat-twelid taghha billi hija konsistentement maghrufa bl-isem 'Doreen' filwaqt li isimha fuq l-att tat-twelid jidher bhala 'Doris (Maria Dolores) u dana skont l-artikolu 253(2) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap.16** tal-Ligijiet ta' Malta saret debitament fis-6 ta' Frar 2015 (fol 20) u b'hekk l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur intimat hija sorvolata.

Illi t-tieni eccezzjoni tal-Intimat hija ukoll sorvolata bil-korrezzjonijiet li saru fit-talbiet dedotti bir-rikors promotur. L-istess artiklu 253(2) jhalli lir-rikorrenti jitolbu li ssir registrazzjoni tal-isem li bih huma maghrufa konsistentement minflok l-isem imnizzel fuq l-att.

Illi l-Qorti hija soddisfatta mill-provi kollha prodotti li r-rikorrenti ippruvat li hija konsistentement maghrufa bl-isem 'Doreen' fil-hajja socjali taghha u dan minn zmien tal-attendenza taghha fl-iskola. Hekk juru c-cerfitikati skolastici, dokumenti bankarji u tal-hajja civili, sorretti bl-affidavits esebiti**.**

Illi izda taqbel mal-intimat li ma jirrizultax li sar zball fir-registrazzjoni tal-isem fuq l-att tat-twelid, esebit mill-istess intimat, u ffirmat minn missier l-attrici. Ghalhekk taqbel li l-intimat m'ghandux ibati l-ispejjez tal-kawza.

Għaldaqstant, il-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' it-talbiet tar-rikorrenti.

Madanakollu ma tistax tordna lill-Intimat biex jammenda kull att pubbliku iehor billi ma gewx indikati l-atti partikolari li taghhom qed tintalab korrezzjoni (**Art.253(3) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.**)

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-Intimat fejn huma inkompatibbli ma' din is-sentenza **Tilqa'** t-talbiet attrici u cioe`:

1. **Tilqa' l-ewwel talba** u tiddikjara li l-attrici ma' tul hajjitha kienet konsistentement imsejha u maghrufa bl-isem ta' **"Doreen"** u mhux bl-isem **"Doris (Maria Dolores)";**

2. **Tilqa' t-tieni talba** u tordna li ssir annotazzjoni fis-sens li fejn jidher isimha fl-att tat-twelid numru 5027/1963, jigi mizjud il-kliem "***maghrufa bhala Doreen"*** .

3. **Tichad it-tielet talba** ghar-ragunijiet spjegati fis-sentenza.

Il-Qorti tordna wkoll *ai termini* tal-**Artikolu 256 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' *Malta*** li kull korrezzjoni hawn ordnata ghandha ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart (10) ijiem minn dakinhar li s-sentenza tghaddi in gudikat u ghandha ssir bis-sahha ta' kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur u ssir wkoll riferenza ghall-istess sentenza kif imfisser fl-imsemmi dispozizzjoni tal-Ligi.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.**

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------